Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,736, 21 ta' April, 2011

Taqsima B

A.L. 136 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Inġinerija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Fakultà tal-Inġinerija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Inġinerija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Inġinerija;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Inġinerija;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) - B.Eng.(Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Grad jista' jingħata fi kwalunkwe wieħed mill-oqsma ta' studju li ġejjin:

Electrical and Electronic Engineering; jew
Mechanical Engineering.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul

4. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom:

jew (a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul u jkunu għaddew ukoll fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura u fil-Fiżika;

jew (b) għaddew mill-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew aħjar fil-Malti u fil-Lingwa Ingliża u jew mill-MCAST-BTEC Higher National Diploma f'qasam meqjus rilevanti għall-Kors mill-Bord, jew mill-MCAST Diploma in Industrial Electronics.

(2) Jekk l-applikanti huma gradwati minn xi università jew għandhom kwalifiki oħra meqjusa suffiċjenti, huma jistgħu jkunu eżentati mill-Bord tad-Dħul tal-Università, fuq il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, minn dawn ir-rekwiżiti speċjali tal-kors jew minn parti minnhom.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

6. (1) L-applikanti huma meħtieġa jindikaw l-għażla tagħhom tal-qasam ta' studju fi żmien is-sejħa tal-applikazzjonijiet.

(2) Il-Kors għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 240 krettu.

(3) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għal kull qasam ta' studju qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għal xi

tibdiliet li l-Bord jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun kostrett jagħmel, l-istudenti huma obbligati li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-qasam ta' studju li qegħdin isegwu għall-Grad.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati li jkun kiseb f'kull sena tal-Kors li jingħataw piż skont il-kriterji li ġejjin:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	10%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	20%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	30%
Il-Marka Medja tar-Raba' Sena	40%

8. Il-Grad ta' Bachelor of Technology - B. Tech. – bi klassifikazzjoni Għadda għandu jingħata lill-istudent li ma jikkwalifikax għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) - B. Eng (Hons) - iżda li jikseb minimu ta' 180 krettu, ħlief jekk l-istudent ikun eliġibbli u jagħżel li jirrepeti r-raba' sena tal-Kors.

It-Tħassir

9. L-Ordinamenti tal-2009 għall-Grad ta' Bachelor of Industrial Engineering (Honours) – B.Ind.Eng.(Hons), ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 83 tal-2009, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2010, u l-istudenti irreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2010 għandhom ikunu regolati mill-Ordinamenti tal-2011 għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons).